MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Numru 195/2008

**Il-Pulizija
(Sp. Frans Micallef)**

**v**

**omissis**

**Anthony Micallef ta‘ 26 sena bin Carmelo u Rita nee Grech
imwieled Pieta‘ fid-9 ta‘ April, 1981 u li joqghod
82, Sqaq Numru 1, Triq Pawlu Magri, Luqa
detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru
193181 (M)**

**omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija omissis, Anthony Micallef u omissis li gew akkuzati talli nhar il-21 ta‘ Frar, 2008 ghall-habta tas-2.30 p.m. ikkommettew serq ta‘ flus mill-Istabbiliment maghruf bhala Galea Pastizzeria, li jinsab fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur liema valur jammonta ghal €3317.19 (tlett elef tlett mija u sbatax-il Euro u dsatax-il centezmu) fi flus kontanti u bil-persuna.

Talli wkoll fl-istess data u fil-granet ta‘ wara, f’dawn il-gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom.

Talli wkoll fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament hassru ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn 116 Euros (Lm 50) izda anqas minn 1164.69 Euros (Lm 500).

Omissis wahdu akkuzat talli kiser il-kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b’sentenza li giet definittivament deciza fil-25 ta‘ Ottubru, 2007.

Rat li fi stadju ta‘ interrogatorju Anthony Micallef ghazel li jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu, anke wara li gie moghti zmien biex jahseb fuq l-istess ammissjoni.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni qed issib lil Anthony Micallef hati ta‘ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 261, 263, 267, 278, 279, 334 (li hija akkuza alteranttiva).

Ikkonsidrat dwar il-piena dak li semghet fit-trattazzjonijiet il-kooperazzjoni ta‘ l-istess Anthony Micallef, dan jirrizulta wkoll mill-istqarrija ta’ l-istess akkuzat, tqis li l-htija idonea ghandha tkun dik taht il-Kapitlu 446 artikolu 22 u qeghda ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------